MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 825/2001/1

**Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Emanuel Portelli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 11 ta’ Marzu 2001 fejn esponiet: -

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ elfejn u sebgha ghoxrin lira u seba’ centezmi (Lm2,027.07) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, f’diversi okkazjonijiet, fuq ordni tieghu, mis-socjeta` attrici, (skont *statement* anness bhala Dok “A”.)

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm2,027.07 hu cert, likwidu u ezigwibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Michael Busuttil, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, (anness Dok. “X”.)

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi: -

1. Ma ghandhiex din il-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-167C tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-istess konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,027.07 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali mid-29 ta' Jannar 1997 u bl-ispejjes kontra il-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Portelli datata 10 ta’ Dicembru 2001 (fol 22) fejn espona illi: -

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' hames (5) snin *a tenur* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa eccessiv kif jigi pprovat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u f’kull kaz ghandha ssir il-verifika tal-*invoices* tal-bejgh sabiex jigi stabbilit l-ammont realment dovut; u

3. *Inoltre* qed tigi eccepita wkoll it-tpacija *in parte stante* illi l-konvenut kellu jiehu s-somma ta' mitejn hamsa

u tletin lira Maltin (Lm235) minghand is-socjeta` attrici in konnessjoni ma ikla ghall-impjegati tal-istess socjeta`.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-konvenut. Giet irtirata l-ewwel eccezzjoni cioe` dik tal-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghal-provi tal-attrici ghall-1 ta' Marzu 2002; l-verbal tal-1 ta' Frar 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Mejju 2005; u l-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Tania Sciberras Camilleri ghall-konvenut. Peress li l-Qorti riedet tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet li kienu saru biss verbalment quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni orali ghas-27 ta' Gunju 2013 ghal dan l-iskop; u l-verbal tas-27 ta' Gunju 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` rikorrenti. Deher ukoll il-konvenut mhux assistit. Dr. Stephen Muscat tratta l-kaz (on tape). Dr. Tania Sciberras Camilleri msejha tliet darbiet baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Settembru 2013; u l-verbal tas-seduta mizmuma fis-26 ta' Settembru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Dr. Tanya Sciberras Camilleri nfurmat lill-Qorti *tramite* d-Deputat tal-Qorti li ma kellhiex kuntatt mal-patrocinata taghha minkejja diversi sforzi, u b'hekk ma kellhiex istruzzjonijiet rigward in-nota akkordata b' digriet tal-11 ta' Lulju 2013. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta flimkien ma numru ta' kawzi ohra b'surroga tas-16 ta' Jannar 2013.

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta` attrici qed titlob li tithallas €4721.80 (gja Lm2,027.07) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet.

Il-konvenut oppona billi sostna li l-ammont mitlub hu eccessiv u, inotre eccepixxa it-tpacija *stante* li kellu kreditu kontra l-atturi ghall -€547.40 (gja LM235).

### Provi Prodotti

**Michael Busuttil,** Direttur tal-kumpanija attrici inkarigat minn *credit control* [1] spjega li kienu jibaghtu *invoices* dwar l-oggetti mibjugha izda l-konvenut baqa' ma hallashomx.[2] Il-konvenut kien iggestixxi s-*Sirens Bar* li hu *bar* u *restaurant* fiz-zmien rilevanti ghall-kaz. La x-xhud u lanqas **Franco Busuttil**[3] ma ftakru li attendew ghal xi ikla tal-kumpanija fl-istabbiliment tas-*Sirens* gestit mill-intimat.

Xehed **Emmanuel Portelli**[4]**.** Qal li kien imexxi s-*Sirens Bar and Restaurant* bejn 1996 sa Dicembru 1999. Qal li r-relazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici kienet marbuta mat-tmexxija tieghu ta' dan l-istabbiliment. Qal ukoll li kellu laqgha ma Steven Rizzo li kien impjegat mas-socjeta' attrici u kien ghamel ftehim mieghu u sussegwentement dahal Steven Zammit Cordina. L-impjegati tieghu li kienu awtorizzati li jiehdu l-ordnijiet kienu Reuben Pullicino, Victor Micallef u Carmelo Agius.

---

[1] Seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Marzu 2002 a fol. 42 *et.seq.*tal-process.

[2] Invoices elenkati fl-istatement anness mac-Citazzjoni a fol.6 tal-process u esebiti individwalment bhala DOK MB1 sa DOK MB17 a fol 25 sa 40 tal-process.

[3] Xhieda a fol.64 *et.seq.* tal-process

[4] Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-10 ta' Gunju 2003 a fol. 66 *et.seq.* tal-process.

Qal li l-firma fuq l-*invoices* a fol. 26 u 27, fuq DOK MB5, fuq dak a fol 34 (MB11), fol 36 (MB13), fol 37 (MB14), fol 38 (MB15), fol 39 (MB16) mhiex tieghu ghalkemm f'din ta' l-ahhar jidher li saret firma ta' xi hadd Portelli.

Hu gharaf il-firem tieghu jew ta' impjegati tieghu fuq l-invoices a fol.28,30,31,32,33,33A(Dok MB10),35(DOK MB12) filwaqt li ikkonferma li l-firma fuq dak a fol 28 hija ta' Victor Micallef.

Ma kienx cert dwar il-firma a fol. 40 tal-process.

Qal li sar jaf b'dawn id-dokumenti mill-kawza. Kien ukoll talab lil Steven Zammit Cordina sabiex il-hlas dovut fuq certu ordinijiet jigu pacuti kontra ikla li l-kumpanija attrici ghamlet fl-istabbiliment tieghu.

Qal li l-ahhar li ha ordni mis-socjeta` attrici kien lejn l-ahhar tas-sena 1996. L-ikla li semma wkoll saret f'dan il-perjodu u kien organizzat minn Steven Zammit Cordina li qallu li kien ser ikun hemm bejn 18 u 20 ruh. Din l-ikla inzammet u attenda anke Franco Busuttil. Il-kont tela' ghal Lm235 li kien jinkludi Lm10 *tips* li Busuttil qallu biex ihallas lis-*staff.* Hu baqa' ma baghatx il-kont lill-kumpanija ghaliex fil- frattemp kien hemm incident meta vann tal-kumpanija ghamel hsara lill-hanut u baqa' jistenna li kienet ser issir xi laqgha.

Xehed in **kontro ezami** li kemm hu kif ukoll uhud mill-assistenti tieghu kellhom ic-cwievet tal-istabbiliment. Fis-sena 1996 kien l-uniku operatur. Ghas-sentejn ta' wara dahal shab mieghu operatur iehor. L-ikla li taghha qed jippretendi t-tpacija sehhet fis-sena 1996.

Xehed **Steven Zammit Cordina**[5] u kkonferma li kien jahdem mas-socjeta' attrici bejn 1990 sa 2001.Qal ukoll li kien organizza ikla fis-Sirens Water Polo Club ghal bejn 15 u 17-il ruh li ghaliha kien attenda Franco Busuttil. Il-kont gie mghoddi lilu. Il-kont ma thallasx dakinhar. Ma

[5] Xhieda a fol. 94 *et.seq.* tal-process

kellux l-awtorita' li jiffirma l-kont. Il-kont finalment kien tas-socjeta' attrici.

Illi il-kwistjoni odjerna hija wahda li tikkoncerna purament l-apprezzament tal-provi prodotti.

Ikkonsidrat li mill-provi jirrizulta li fis-sena 1996 saru diversi konsenji lill-*Sirens Bar & Restaurant*. Dan hu sorrett bl-i*statement* u bix-xhieda b'gurament tad-Direttur *Credit Control* tas-socjeta' attrici, kif ukoll minn diversi *invoices* li gew esebiti, kollha intestati f'isem is-*Sirens Bar & Restaurant.*

Il-konvenut irribatta billi qal li ma setax jidentifika l-firem fuq l-*invoices* kollha. Qal izda li kellu diversi impjegati mieghu li kienu awtorizzati li jiffirmaw l-ordnijiet, imma identifika biss xi ftit mill-firem fuq l-invoices esebiti bhala tieghu u dawk tal-impjegati hekk awtorizzati. Madanakollu kkonferma li fis-sena 1996 kien l-uniku operatur tas-*Sirens* u fis-sentejn sussegwenti kien operatur shab ma' persuna ohra. F'ebda hin ma kkontesta li l-oggetti elenkati fl-*invoices* ma gewx ikkonsenjati lis-*Sirens* jew li l-*invoices* huma qarrieqa dwar il-kontenut. Lanqas gab xi prova li hallas akkont fuq dak mitlub fic-citazzjoni odjerna mqarr ta' dawk l-*invoicesi* fejn ikkonferma li tidher il-firma tieghu u ta persuni minnu identifikati.

Rigward it-talba tieghu ghat-tpacija ta' somma ta' Lm235, il-Qorti kkonsidrat li ma esebixxa l-ebda kont dwar l-ikla li jghid li giet organizzata fl-istabbilment tieghu mis-socjeta' attrici. Steven Zammit Cordina, li kien l-impjegat addett minn din l-ikla fiz-zmien in kwistjoni, kkonferma li saret u kkonferma li hu ma hallasx il-kont. Madanakollu Michael Busuttil, l-addett minn *credit control,* ma kien jaf xejn dwar din l-ispiza.

Michael Busuttil xehed li l-i*statements* in kwistjoni kienu jintbaghtu regolarment fl-istabbiliment tal-konvenut u qatt ma gew lura. Hija difficli ghall-Qorti temmen li l-konvenut qatt ma ha l-isbriga biex jikkontesta l-i*statements* li ghalihom jirreferu l-*invoices* bhala mhux dovuti, jew li jaghmel it-talba tieghu ghat-tnaqqis tal-ammont pretiz

minnu bl-iskritt. Anzi kkonferma li kien igestixxi l-istabbiliment bejn 1996 sa 1999 u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha twarrab il-prezunzjoni li rcieva l-*istatements* gjaladarba dawn huma indirizzati fl-indirizz tas-*Sirens Bar & Restaurant.*

Ix-xhieda ta' Steven Zammit Cordina, imressaq mill-konvenut, kien wisq vag biex jghin lill-konvenut jissostanzja it-talba tieghu ta' tpacija. Ghalkemm sostna li gie imqabbad mid-dirigenti tas-socjeta' attrici biex jorganizza l-ikla, dan fl-ebda hin ma gie kkonfermat mir-rapprezentanti tal-kumpanija jew sostnuta b'xi prova korroboranti. Dan ix-xhud lanqas seta' jiftakar l-ammont ezatt tal-ikla, u x'sar mill-kont. Hemm ukoll diskrepanza fin-numru tal-persuni li attendew ghal din l-ikla. Fil-kaz odjern kien ikun ghaqli ghall-konvenut li johrog kont regolari indirizzat lis-socjeta' attrici, specjalment peress li kien qed jircievi numru ta' *statements* li baqghu ma thallsux. Jekk hu minnu li Steven Zammit Cordina inghata kont, allura dan il-kont kellu jigi prodott, izda dan ma sehhx u kollox jibqa' fir-relm ta' kongettura.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti tqis li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti u ser tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici billi:-**

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici** u tikkundanna minnufih lill-istess konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€4,721.80) bl-imghax legali mid-29 ta' Jannar 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------